**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 039/2020 u 040/2020**

**UL u LL (l-ilmentaturi)**

**vs**

**MPM Capital Investments Limited**

**(C46783) (il-provditur tas-servizz jew**

**MPM)**

**Seduta tat-22 ta' Marzu 2022**

**L-Arbitru,**

***Preliminari***

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020, il-partijiet iddikjaraw li

'… l-*Kaz 039/2020 u l-Kaz 040 /2020 huma intrinsikament l-istess u [qablu] li ai termini tal-Art. 30 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta dawn jinstemghu flimkien u l-Arbitru jaghti decizjoni wahda ghat-tnejn'*.[1]

Peress li l-ilmenti fiz-zewg kazijiet imsemmija huma intinsikament simili, dawn l-ilmenti ser jigu decizi flimkien skont Artikolu 30 tal-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta. Din id-decizjoni ghalhekk tikkunsidra u tkopri z-zewg kazijiet imsemmija.

*L-ilment*

L-ilmentaturi ssottomettew li sofrew telf fuq il-prodotti ta' investiment li huma ghamlu mal-provditur tas-servizz fejn gie allegat li ma kellhomx informazzjoni fuq l-investimenti; ma kinux jafu bir-riskju tal-prodotti u lanqas li dawn kienu

[1] Pagna (P) 95

f'munita barranija. Allegaw ukoll li qatt ma rcevew rendikont dwar dawn l-investimenti.

L-ilmentaturi spjegaw li mis-sena 2014 'il quddiem huma ghamlu diversi ammonti fil-kont rispettiv taghhom li kellhom mal-provditur tas-servizz. L-ilmentatrici baqghet tiddepozita sal-14/7/2016 u, b'kollox, poggiet is-somma totali ta' Ewro80,000 filwaqt li l-ilmentatur baqa jiddepozita sad-29/03/2017 u b'kollox pogga s-somma totali ta' Ewro250,000.[2]

Huma ssottomettew li ma kinux jafu bir-riskju tal-investimenti fejn investew u qatt ma kellhom informazzjoni fuq l-investimenti li kienu jaghmlu. Issottomettew ukoll li qatt ma rcevew rendikont tal-investimenti u ma kinux jafu li kellhom investimenti f'munita barranija.

L-ilmentaturi spjegaw li huma saru jafu b'dan kollu meta fl-4 ta' Marzu 2020 cemplulhom biex jigbdu kollox ghax l-investimenti nizlu u ma kellhomx ghazla ohra hlief li jirrrealizzaw it-telf ghax il-provditur tas-servizz qalilhom, *'tridu tispiccaw b'xejn?'*[3]

Gie sottomess li l-ilmentatrici tilfet is-somma ta' Ewro12,262.08 u li l-ilmentatur tilef is-somma ta' Ewro55,783.60 mis-somma originali rispettiva li huma poggew. Huma kkalkulaw li tilfu aktar minn 15% u 22% tas-somma originali rispettivament.

L-ilmentaturi ssottomettew ukoll li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni ghax kull meta gabru l-imghax, il-provditur tas-servizz dejjem kien jghidilhom li kollox sejjer tajjeb. Huma sahqu li l-kumpanija abbuzat mill-fatt li huma ma jifhmu xejn fl-investimenti.

L-ilmentaturi semmew ukoll ir-riskju tal-investiment bhala raguni ohra ghaliex il-provditur tas-servizz naqashom.

L-ilmentatrici ziedet li f'suq daqshekk volatili hija staqsiet ghaliex giet infurmata li ser jingibed kollox fl-4/03/2020 izda l-pagament hareg fis-16/3/2020.

---

[2] P. 4

[3] *Ibid.*

Ghalhekk l-ilmentaturi talbu kumpens tas-somma li huma allegaw li tilfu. Fil-kaz tal-ilmentatrici, din is-somma giet indikata bhala €12,262.08 u fil-kaz tal-ilmentatur bhala s-somma ta' €55,783.60.[4]

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:[5]**

*Ir-Relazzjoni bejn l-ilmentaturi u MPM*

1. Illi l-ilmentaturi marru min rajhom gewwa l-ufficcju ta' MPM f'April 2014. MPM qatt ma ghamlet kuntatt maghhom qabel u wisq inqas baghtet ghalihom jew marret f'darhom. MPM lanqas ma ghamlet reklami biex tattira klijenti. Huma marru l-ufficcju ta' MPM b'inizzjattiva personali taghhom wara li tkellmu ma' xi membri tal-familja taghhom li kienu klijenti tal-MPM. Kienu huma li talbu sabiex jaghmlu uzu mis-servizzi li toffri MPM. Il-provditur tas-servizz spjegalhom is-servizzi li joffri u huma xtaqu li b'mod immedjat jifthu kont. Il-provditur tas-servizz talabhom sabiex jahsbu sew qabel jinvestu u ma fethilhomx kont f'dik il-gurnata. Ma kien hemm ebda pressjoni fuq l-ilmentaturi biex jaghmlu uzu mis-servizzi offruti minn MPM.

   L-ilmentaturi regghu minn rajhom marru u talbu biex jifthu kont fejn rega' gie spjegat lilhom ir-riskji li kull min jinvesti fis-swieq internazzjonali jista' jiffaccja. L-ilmentaturi ghazlu li l-attitudni tar-riskju taghhom tkun wahda *aggressive* u ghogobhom jaghzlu s-servizz ta' *'execution only'* bhala s-servizz li xtaqu. Dan johrog car fl-*Opening of Account Form* (*Anness 1*)[6] iffirmata mill-ilmentaturi rispettivament fis-6 ta' Novembru 2014 u 8 ta' Mejju 2014. Fl-ilment li l-ilmentaturi baghtu lill-provditur tas-servizz u fl-ilment quddiem l-Arbitru, l-ilmentaturi naqsu milli jirreferu ghall-formola li permezz taghha fethu l-kont u naqsu jghidu x'servizz talbu.

   Dan kollu rega' gie kkonfermat bil-miktub u permezz ta' firma ohra fil-25 ta' Gunju 2019 u 25 ta' Settemberu 2018 rispettivament meta MPM kienet ghamlet tibdil fl-*Opening of Account Form* (*Anness 2*).[7] L-ilmentaturi hadu d-dokument id-dar biex ikunu jistghu jaqrawh u jifhmuh u wara xi zmien

[4] *Ibid.*
[5] P. 46-52 tal-Kaz 039/2020 u P. 35-42 tal-Kaz 040/2020
[6] P. 53 tal-Kaz 039/2020
[7] P. 54 tal-Kaz 039/2020

gabu d-dokument iffirmat fejn iddikjaraw ukoll li ma jiddependux biss mid-dhul mill-investimenti.

L-ilmentaturi stqarru li jafu jaqraw u jiktbu sew kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz u li temmew l-iskola sekondarja, filwaqt li l-ilmentatur kien stqarr ukoll li jahdem bhala '*skilled labourer*' mal-*Malta Freeport Terminals Ltd.*

MPM esegwiet biss l-ordnijiet moghtija lilha mill-ilmentaturi bil-konsapovalezza u *buona volontà* taghhom u minn rajhom iffirmaw kull dokument bhala prova tal-istess. Dan wara li gie spjegat lilhom b'mod dettaljat dak kollu li kien hemm fil-formola. L-ilmentaturi qatt ma gew solicitati sabiex jidhlu f'relazzjoni ma' MPM u qatt ma nghata parir ta' investiment skont il-ligi izda MPM esegwiet l-istruzzjonijiet ta' investiment, liema ghemil huwa regolat b'mod differenti minn *advisory* jew *discretionary portfolio management* u dan skont ir-regolamenti finanzjarji. MPM tirrispingi kull allegazzjoni li l-ilmentaturi inghataw xi parir jew *advisory service*.

Fl-*Opening of Account Form* rispettiva taghhom l-ilmentaturi stqarru li kellhom esperjenza u gharfien fuq *'investment grade bonds, non-investment grade bonds, equities, funds'*.[8] Huma stqarru wkoll li huma familjari mal-investimenti u li l-ghan tal-investimenti taghhom kien *'capital growth'*. Inghataw kopja tat-termini u kundizzjonijiet tal-kumpanija u stqarru li fil-passat kellhom investimenti (*Anness 3*).[9]

L-ilmentaturi stqarru li ghandhom attitudni ta' riskju *aggressive* u regghu ikkonfermaw li qed jitolbu servizz ta' *'execution only'* minghand MPM. Huma regghu ddikjaraw li gieli kellhom investimenti fil-passat bhal *'investment grade bonds'*, *'non-investment grade bonds'* u *'funds'*.

Ghaldaqstant, ghal darba, darbtejn, bil-miktub u bil-firma, l-ilmentaturi ikkonfermaw dan kollu.

L-ilmentaturi naqsu milli jipprezentaw lill-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji kopja ta' dawn l-*Opening of Account Forms* li mlew u ffirmaw.

[8] P. 47 tal-Kaz 039/2020 u P. 36 tal-Kaz 040/2020
[9] P. 59 tal-Kaz 039/2020 u P. 49 tal-Kaz 040/2020

L-ilmentatur kien izur l-ufficcju ta' MPM madwar darba fix-xahar (*Anness 4*)[10] fejn gieli kien ikun ikkumpanjat mill-ilmentatrici, izda meta ma kinitx tkun prezenti huwa kien jitkellem u jagixxi f'isimha wkoll bi qbil bejniethom. Per ezempju, bejn Settembru 2016 sa Dicembru 2019, l-ilmentatur zar l-ufficcju ta' MPM ghal-laqghat wicc imb'wicc minn tal-inqas 17-il darba. Fl-istess perjodu cemplu l-ufficcju minn tal-inqas erbatax-il darba (*Anness 5*).[11] Fil-laqghat li kienu jdumu bejn nofs siegha u siegha kienu jigu diskussi l-andament tas-swieq finanzjarji u r-riskji fl-investimenti. MPM ma tipprovdix servizz ta' *promote and sell* u l-mizata fuq l-investiment li tithallas lil MPM hi l-istess irrispettivament xi jkun l-investiment. Ghaldaqstant, MPM m'ghandha l-ebda incentiv li klijent jinvesti f'xi prodott jew iehor jew hux riskjuz jew le.

Fil-laqghat kienu jinghataw rendikont tal-investimenti nkluz *transaction history* (*Anness 6*).[12] Kwazi f'kull laqgha, MPM kienet tintalab tohrog kopja tat-*transaction history* u *portfolio valuation* u hekk kien isir. Fl-istess laqghat kien jintalab li jingibed parti mill-bilanc fil-kont. Dan il-bilanc kien jikkonsisti minn imghaxijiet li jkunu dahlu fuq l-investimenti, mill-profitt fuq l-investimenti u fuq bilanc li kien jibqa'. Dawn ic-cekkijiet kollha ssarfu.

Kopji tal-kuntratti ta' bejgh u xiri dejjem intbaghtu bil-posta. Iktar minn hekk, MPM kienet toffri servizz fejn wiehed seta' facilment jidhol fuq is-sit elettroniku tal-provditur tas-servizz u permezz ta' *login* u *password* jara l-investimenti tieghu kemm bhala ammont investit kif ukoll bil-valur tal-gurnata.

L-ilmentatur gieli cempel l-ufficcju u ta struzzjonijiet meta kien jara xi tibdil partikolari fil-portafoll tieghu.

Ghaldaqstant, l-ilmentaturi kienu jigu pprovduti informazzjoni kemm orali kif ukoll bil-miktub fuq l-investimenti u l-andament taghhom.

---

[10] P. 82 tal-Kaz 039/2020 u P. 72 tal-Kaz 040/2020
[11] P. 83 tal-Kaz 039/2020 u P. 73 tal-Kaz 040/2020
[12] P. 84 tal-Kaz 039/2020 u P. 74 tal-Kaz 040/2020

L-ilmentaturi kienu sodisfatti u kuntenti bis-servizz offrut minn MPM, tant li ghamlu depoziti ohra wara li kien ilhom xhur u snin juzaw is-servizz tal-kumpanija.

Fit-2 ta' Marzu 2020, l-ilmentaturi taw struzzjonijiet biex jinbieghu l-investimenti li kellhom dakinhar. Dawn l-istruzzjonijiet tawhom lir-rapprezentant ta' MPM u dan ir-rapprezentant kien f'kuntatt maghhom biex jinfurmahom bl-izviluppi li kienu qed isehhu fis-swieq internazzjonali kawza tal-*COVID 19*. Id-decizjoni li jbieghu l-investimenti kienet taghhom biss. L-ilmentaturi setghu u ghadhom jistghu izommu l-investimenti li kellhom, u dan peress li dawn l-investimenti ghadhom ghaddejjin ihallsu l-imghax u jigu negozjati b'mod normali fuq is-suq. L-ebda investiment li kellhom l-ilmentaturi ma falla, jew naqas milli jhallas l-imghax.

L-ilmentatrici ddepozitat is-somma globali ta' Ewro80,000 bejn Novembru 2014 u Lulju 2016 u gibdet Ewro91,326.97 bejn Novembru 2014 u Marzu 2020, filwaqt li l-ilmentatur iddepozita is-somma globali ta' Ewro250,000 bejn Mejju 2014 u Marzu 2017, u gibed Ewro260,883.59 bejn Settembru 2014 u Marzu 2020. Dan ifisser dhul nett favur l-ilmentatrici ta' Ewro11,326.97 u dhul nett favur l-ilmentatur ta' Ewro10,883.

Dan johrog b'mod car minn analizi tat-*transaction history* ipprezentata minnhom stess.

L-ilmentaturi ma nvestewx fi strumenti *'complex'* kif jidher car ukoll mit-*transaction history*.

*Ittra mill-ilmentaturi lill-MPM*

2. Illi fit-2 ta' Marzu 2020, l-ilmentaturi taw struzzjonijiet biex jinbieghu l-investimenti taghhom. Fl-ilment mal-Arbitru l-ilmentaturi stqarru li ndunaw l-ewwel darba bil-kwistjoni li qed jilmentaw fuqha jumejn wara, cioè, fl-4 ta' Marzu 2020. Fid-29 ta' Marzu 2020, huma baghtu ittra lil MPM liema ittra giet imwiegba immedjatament fl-1 ta' April 2020.

Fl-ittra li baghtu lil MPM, l-ilmentaturi allegaw li nvestew fuq perjodu ta' sentejn u tliet snin rispettivament. Dan mhux minnu peress li l-ilmentatrici fethet il-kont taghha fis-6 ta' Novembeu 2014, filwaqt li l-ilmentatur fit-8 ta' Mejju 2014. Matul dawn is-snin, qatt ma ghamlu xi lment mal-kumpanija

la bil-miktub u lanqas bil-fomm. Bil-kontra ta' dak li kitbu fl-ittra lil MPM, fl-ilment lill-Arbitru huma stqarru li ghamlu l-ewwel depozitu fis-6 ta' Novembru 2014 u 8 ta' Mejju 2014 rispettivament. Ghaldaqstant, fl-ittra lil MPM qalu differenti milli qalu lill-Arbitru.

Fl-istess ittra, l-ilmentaturi allegaw li ghamlu investimenti mal-kumpanija. Dan huwa zbaljat ghax l-investimenti taghhom kienu *tramite* MPM permezz ta' servizz ta' *'execution only'* u mhux ma' MPM. L-investimenti taghhom kienu ma' diversi kumpaniji internazzjonali kif jixhdu l-kuntratti ta' xiri u bejgh li dejjem gew ipprovduti lilhom.

Fl-ittra li baghtu lil MPM, huma allegaw li ma kinux jafu li kellhom investimenti f'munita barranija. Din l-allegazzjoni mhix veritiera galadarba kienu huma stess li taw l-ordni biex jinxtraw l-investimenti. Huma kienu jgibu l-informazzjoni ta' fejn xtaqu jinvestu wara li kienu jitkellmu ma' membri tal-familja taghhom li kien ikollhom investimenti simili. Huma kienu jinghataw kopji tal-kuntratt tax-xiri tal-investimenti li juru car l-isem tal-investiment u l-munita tieghu. L-investimenti li ghamlu fil-munita barranija inkluz id-differenza fir-rati tal-kambju qatt ma fallew, dejjem hallsu l-interessi u sahansitra irrizultawlhom fi profitt.

*Ilment mal-Ufficcju tal-Arbitru*

3. MPM sahaq li l-ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-ilmentaturi u MPM.

Ghall-kuntrarju ta' dak allegat fl-ittra lil MPM, fejn l-ilmentatrici stqarret li investit ghal sentejn u l-ilmentatur ghal tliet snin, l-ilmentaturi fl-ilment taghhom lill-Arbitru ammettew li r-relazzjoni taghhom ma' MPM tmur lura ghall-2014. Huma semmew l-ammonti ta' depozitu li ghamlu imma b'mod konvenjenti naqsu milli semmew id-drabi u l-ammonti li gibdu mill-kont taghhom. L-ilmentatrici gibdet 24 darba filwaqt li l-ilmentatur gibed 26 darba minn mindu fethu l-kont taghhom sakemm ghalquh. B'kollox l-ilmentatrici gibdet Ewro91,326.97 filwaqt li l-ilmentatur gibed total ta' Ewro260,883.60. Huma kienu jigbdu l-ammonti li kien ikollhom bzonn u naqsu milli jinformaw b'dan lill-Arbitru.

Fir-rigward tal-ilmentatur, jinghad li l-ilmentatur xtara 16-il darba u biegh 15-il darba matul il-perjodu li fih kien klijent ta' MPM. Il-provditur tas-servizz issottometta li ghaldaqstant l-ilmentatur iddiversifika l-portafoll tieghu u kien jaghmel tranzazzjonijijet b'mod regolari. L-ilmentatur ma nvestiex f'ishma jew f'*complex products*. Kull investiment li ghamel dejjem hallas l-interessi u l-ebda investiment ma falla.

Ghall-kuntrarju ta' dak li allegaw l-ilmentaturi, huma kienu jafu bir-riskju fejn investew.

MPM sahqet li la tezisti, u lanqas inghatat, kif ma setghetx tinghata, xi garanzija li l-investimenti jhallsu lura l-kapital. L-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tal-ebda investiment.

MPM ziedet li l-ilmentaturi allegaw li ma kellhomx informazzjoni fuq l-investimenti li ghamlu u li qatt ma rcevew rendikonti tal-investimenti. Fl-istess nifs fejn ghamlu din l-allegazzjoni, huma izda hemzu kopja tal-kuntratti u ta' *transaction history* varji.

Gie nnotat li l-ilmentatur ipprezenta wkoll *screenshot* minn *Bloomberg Terminal* li kienu jinghataw lilu waqt il-laqghat. Dan juri car l-informazzjoni kollha fuq l-istrument finanzjarju. Dan l-*iscreenshot* jinkludi d-dettalji tal-investiment, ir-*rating* tar-riskju tal-investiment u l-munita tal-investiment, fost affarijiet ohra. L-ilmentatur kien jinghata dan l-*iscreenshot* mis-sistema tal-*Bloomberg* ghal kull investiment li kien jaghmel.

Ghaldaqstant, l-ilmentaturi jmieru lilhom infushom. Filwaqt li jallegaw mod, qeghdin huma stess jipprezentaw dokumenti li juru l-oppost ta' dak li qed jallegaw. Fl-istess waqt li jallegaw li ma jafux fiex investew, huma ghamlu snin isarrfu c-cekkijiet. B'kollox inhargu u gew imsarfa 24 cekk lill-ilmentatrici u 26 cekk lill-ilmentatur. Kif ga spejgat, l-ilmentatur ma kienx jigbed l-interessi biss.

L-ilmentaturi allegaw li ma kinux jafu li kellhom investimenti f'munita barranija. Fl-istess nifs fejn ghamlu din l-allegazzjoni, huma nkludew kopja tal-kuntratti ta' strumenti f'munita barranija u ta' *transaction history* varji li jinkludu rendikont ta' strumenti f'munita barranija. Ghaldaqstant, l-ilmentaturi qeghdin jergghu jmieru lilhom infushom. Filwaqt li jallegaw

mod, huma stess qeghdin jipprezentaw dokumenti li juru l-oppost ta' dak li allegaw.

MPM issottometiet li l-ilmentatur allega li l-unika investiment li kien jaf bih kien tal-*Venezuel*a, li hu kkunsidrat investiment riskjuz. Fl-istess nifs li ghamel din l-allegazzjoni, huwa hemez kopja tal-kuntratti ta' strumenti ohra apparti tal-*Venezuela* u ta' *transaction history* varji li jinkludu rendikont ta' kull strument li xtara u biegh. Ghaldaqstant, ghal darb ohra l-ilmentatur qieghed jerga' jmieri lilu nnifsu. Filwaqt li qieghed jallega mod, qieghed hu stess jipprezenta dokumenti li juru l-oppost ta' dak li allega.

L-ilmentaturi pprezentaw diversi kopji ta' kuntratti ta' xiri u bejgh kif ukoll *full transaction history*. Dawn juru li huma nvestew f'diversi investimenti kemm b'imghax gholi (u riskju gholi) u anke b'dawk baxx (u riskju baxx). Dan bla dubju jindika li huma kienu konxji ta' x'tip ta' investimenti kellhom. Snin ta' tranzazzjonijiet f'investimenti ghinuhom jigbru taghrif u jiggwadanjaw esperjenza necessarja. Oltre minn hekk, qabel fetah il-kont fl-2014, l-ilmentatur iddikjara bil-miktub li huwa familjari ma' strumenti ta' investiment.

MPM issottomettiet li l-ilmentaturi ghamlu l-allegazzjonijiet imma kisru l-istess allegazzjonijiet bid-dokumenti pprezentati minnhom stess.

Fl-ilment taghhom, l-ilmentaturi semmew telefonata wahda biss minn sensiela ta' telefonati li saru f'Marzu 2020 bejn l-ilmentaturi u MPM. F'dawn it-telefonati gew diskussi l-effett negattiv li kien qed ihalli l-*virus COVID-19* fuq is-swieq internazzjonali. L-ilmentaturi wrew il-biza' taghhom li s-swieq internazzjonali jinzlu sew fil-valur. Konxji ta' dan, huma taw struzzjonijiet biex ibieghu l-investimenti.

Dawn l-istruzzjonijiet gew esegwiti minn MPM hekk kif miktub mill-klijenti. L-ilmentatrici kellha zewg strumenti finanzjarji u l-ilmentatur kellhu tlieta u dawn inbieghu. L-ebda minn dawn l-investimenti ma nbidillu l-livell ta' riskju f'dan il-perjodu, u l-ebda wiehed ma kien f'xi periklu ta' falliment.

Dawn ghadhom ihallsu l-imghaxijiet b'mod normali. L-ebda minnhom ma huwa *'complex instrument'*. Dawn ghadhom fis-suq bi prezzijiet ragonevoli sal-lum. L-ilmentaturi qatt ma xtraw *'complex instruments'*. MPM kienet

biss tesegwixxi l-ordnijiet moghtija lilha mill-ilmentaturi fuq bazi ta' *execution only*.

Iz-zewg strumenti tal-ilmentatrici kienu il-*BGF Global Multi Asset Income A4 EUR Hedged* u l-*Deutsche Bank AG 6% 2022 – Credit Rating B+*. It-tlett investimenti tal-ilmentatur kienu l-*BGF Global Multi Asset Income A4 EUR* immexxi minn *BlackRock Global Funds*, il-*Deutsche Bank AG 6% 2022 – Credit Rating B+*, u l-*iStena AB 7.875% 2020 – Credit Rating B+*.

It-*transaction history* u l-kuntratti pprezentati mill-ilmentaturi juru li matul is-snin l-ilmentaturi gieli kellhom inklinazzjoni ghal strumenti finanzjarji li joffru rata gholja ta' imghax u, ghalhekk, b'certa portata ta' riskju. Il-*credit rating* ta' dawn l-istrumenti hu inqas riskjuz minn investimenti ohra li l-ilmentaturi ghamlu fis-snin ta' qabel.

Fil-kaz ta' *BGF Global Multi Asset Income A4 EUR Hedged*, l-ilmentaturi kienu diga' bieghu u xtraw minnu diversi drabi. Dan huwa strument immanigjat minn *BlackRock International* meqjusa bhala l-ikbar kumpanija ta' immanigjar ta' investimenti fid-dinja.

MPM issottometiet li wara li esegwit l-istruzzjonijiet tal-ilmentatrici u bieghet l-investimenti li xtaqet tbiegh, il-kumpanija baghtet cekk lill-ilmentatrici hekk malli l-flus dahlu fil-kont tal-kumpanija.

L-ilmentaturi allegaw li tilfu Ewro12,262.08 u Ewro55,783.60 rispettivament minghajr ma spjegaw kif waslu ghal din ic-cifra. Wiehed ma jistax jifhem kif waslu ghal din ic-cifra meta huma gibdu ferm iktar minn kemm iddepozitaw. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt li kull investiment li ghamlu hallas l-interessi u ma falliex. Wiehed irid izid ukoll li l-ilmentaturi kemm-il darba gibdu mill-kapital li poggew.

Il-kumpanija esegwit l-istruzzjonijiet tal-klijenti u matul is-snin l-ilmentaturi qatt ma ghamlu lment wiehed la bil-fomm u lanqas bil-miktub.

*Fatti ohra*

4. L-ilmentatur mela wkoll u ffirma Formola ta' Dikjarazzjoni datata l-1 ta' Ottubru 2017 (*Anness 7*)[13] fejn stqarr u ffirma li qatt ma kien suggett ghal investigazzjoni minn awtoritajiet jew istituzzjonijiet governattivi, regolatorji, professjonali jew statutorji. Issa jirrizulta li din id-dikjarazzjoni tal-ilmentatur hija qarrieqa. *Records* pubblici mill-Qrati ta' Malta juru li l-ilmentatur gie kkundannat talli prova jqarraq bid-Direttur tas-Sigurtà Socjali. B'decizjoni tal-Qorti (Nru 117/01) moghtija fl-10 ta' April 2001, l-ilmentatur nstab hati li pprova jqarraq bid-Direttur tas-Sigurtà Socjali u jiehu flejjes ta' ghajnuna socjali b'qerq. Din id-decizjoni tal-Qorti kienet ikkonfermata ghal darb'ohra mill-Qorti tal-Appell quddiem l-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef fit-13 ta' Jannar 2004 (Appell Civili Numru 6/2001/1) (*Anness 8*).[14]

5. Ghaldaqstant l-ilment tal-ilmentaturi ghandu jigi kkunsidrat bhala mhux ekwu, mhux gust u mhux ragonevoli u ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontrihom.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

L-ilmentaturi talbu kumpens fuq it-telf ta' Ewro12,262.08 u Ewro55,783.60 li huma allegaw li sofrew fuq il-portafoll taghhom li kellhom ma' MPM. MPM min-naha tieghu issottometta li ma kienx minnu li l-ilmentaturi sofrew telf u li t-tnejn li huma ghamlu dhul nett mill-investimenti taghhom rispettivament ghall-ammont ta' Ewro11,326.97 favur l-ilmentatrici u Ewro10,883 favur l-ilmentatur.

Peress li l-partijiet ma qablux dwar jekk kienx hemm telf jew qligh fuq l-investimenti mertu tal-kaz, l-Arbitru ser jittratta l-ewwel dan l-aspett importanti u jikkunsidra jekk hux minnu li kien hemm it-telf allegat mill-ilmentaturi.

[13] P. 81 tal-Kaz 040/2020
[14] P. 83 tal-Kaz 040/2020

**Peress li l-ilmentaturi qed jaghmlu ilment dwar il-portafoll shih li kellhom mal-provditur tas-servizz u mhux dwar xi investiment partikolari, l-Arbitru ser janalizza l-portafoll shih u jara jekk kienx hemm it-telf li qed jallegaw li garrbu l-ilmentaturi.**

***Il-fatti tal-kaz***

*L-investimenti u l-allegat telf*

L-ilmentaturi ma tawx spjega dettaljata ta’ kif waslu biex iddeterminaw l-ammont ta’ telf allegat minnhom, ta' Ewro12,262.08 u Ewro55,783.60 rispettivament.[15] Minkejja dan, johrog car li dawn il-figuri gew ikkalkolati bhala d-differenza ta' bejn l-ammont totali tal-flus mitfughin mill-ilmentaturi fil-kont rispettiv taghhom matul is-snin ma’ MPM u l-ammont li huma rispettivament qalu li rcevew minghand MPM wara li nbieghu l-ahhar investimenti taghhom f'Marzu 2020.

Dan gie ukoll ikkonfermat fl-ahhar sottomissjonijiet tal-ilmentaturi fejn intqal li dawn il-figuri ta’ telf indikati minnhom huma *‘… d-differenza bejn l-ammont originarjament minnhom investit u l-ammont moghti lilhom mill-provditur’.*[16]

L-ilmentatrici qalet li b'kollox tefghet is-somma ta' Ewro80,000[17] fil-kont ta’ investimenti taghha mizmum ma’ MPM, u li f'Marzu 2020, wara li nbiegh l-ahhar investiment, MPM baghatilha cekk ta' *'€67,000 flok €80,000'*.[18]

Huwa minnu li l-ilmentatrici tefghet is-somma totali ta’ Ewro80,000 fil-kont taghha mal-provditur tas-servizz matul il-perjodu li hija hadet is-servizz ta’ investiment minghand il-provditur tas-servizz.

Fid-dokumenti pprezentati mill-partijiet matul il-kaz hemm indikat ukoll li fil-16/03/2020 sar *'Payment to UL  BOV 11149'* ghall-ammont ta' €67,737.97.[19] Id-differenza ta' bejn Ewro80,000 u Ewro67,737.97 tammonta ghal Ewro12,262.03 li hija is-somma ta' telf allegat, u kumpens mitlub mill-ilmentatrici.[20]

---

[15] P. 4 tal-Kaz rispettiv
[16] P. 131 tal-Kaz 039/2020
[17] P. 4 tal-Kaz 039/2020
[18] P. 98 tal-Kaz 039/2020
[19] P. 28 u 89 tal-Kaz 039/2020
[20] Ghajr differenza ta' 5c

L-ilmentatur qal li b'kollox huwa tefa' s-somma ta' Ewro250,000 fil-kont ta' investiment tieghu ma' MPM u li l-provditur tas-servizz baghatlu lura *'biss EUR194,216.40'* fis-17 ta' Marzu 2020.[21]

Mid-dokumenti pprezentati johrog li b'kollox l-ilmentatur tefa' s-somma ta' Ewro250,620 fil-kont tieghu mal-provditur tas-servizz (u mhux Ewro250,000 kif issemma waqt il-proceduri tal-kaz).[22]

Id-differenza ta' bejn Ewro250,000 u Ewro194,216.40 tammonta ghal Ewro55,783.60, li tirrifletti ezatt il-figura ta' telf allegata u l- kumpens rikjest mill-ilmentatur.

Fir-rigward tal-allegat telf, l-Arbitru jinnota li fl-*affidavit* maghmul mid-direttur ta' MPM, gie sottomess li meta wiehed iqis l-ammont mitfugh mill-ilmentaturi fil-kont rispettiv taghhom u l-pagamenti li saru matul is-snin, johrog profitt nett ta' Ewro11,327.24 ghall-ilmentatrici u profitt nett ta' Ewro10,883.59 ghall-ilmentatur.[23]

Dan hekk kif ikkalkolat fit-tabella ipprezentata fl-istess *affidavit* li turi d-depoziti u l-pagamenti rispettivi matul is-snin.[24]

L-Arbitru ikkonsidra s-sottomisjonijiet tal-partijiet fuq l-allegat telf kif ukoll l-investimenti rispettivi tal-ilmentaturi hekk kif imnizzel fl-*istatements* ipprezentati matul il-proceduri tal-kaz.

It-Tabelli A u B hawn taht jipprovdu sommarju tal-investimenti rispettivi, r-rivakat mill-bejgh taghhom u l-qligh jew telf mill-bejgh, l-imghax jew dividendi li l-ilmentaturi rcevew minnhom u l-qligh jew telf nett fuq l-ammont investit ta' kull investiment rispettiv.

*Tabella A - L-investimenti tal-ilmentatrici*[25]

---

[21] P. 101 u 102 tal-Kaz 040/2020

[22] Is-somma ta' €30,000 fit-08.05.14; €15,000 fl-24.09.14; €30,000 fil-21.10.14; €15,000 fl-24.10.14; €620 fis-16.12.14; €30,000 fis-16.01.15; €10,000 fil-15.04.15; €20,000 fil-15.01.16; €60,000 fis-27.07.16; €40,000 fid-29.03.17 (P. 27-31 tal-Kaz 040/2020)

[23] P. 121 tal-Kaz 039/2021

[24] *Ibid.*

[25] Informazzjoni mehuda mill-*istatemen*t ipprezentat intitolat *'Transaction Record from 01 January 2000 to 16 March 2020'* fuq il-kont tal-ilmentatrici – P. 30-35 tal-Kaz 039/2020

| *Data tax-xiri* | *Isem tal-Investiment* | *Valuta* | *Ammont investit* | *Data tal-bejgh* | *Rivakat mill-Bejgh* | *Qligh jew telf mill-bejgh* | *Dividendi/ imghax* | *Qligh jew telf nett fuq l-ammont investit* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27.10.14 | Eureko B.V. 6% Perp | EUR | 18,643.66 | 19.06.17 | 17,897.11 | -746.55 | 867.00<br>867.00<br>867.00 | 1,854.45 |
| 11.11.14<br><br>25.07.16 | Barclays 6.5% Perp | EUR<br><br>EUR | 10,126.04<br><br>9,902.95 | 28.11.17 | 21,223.10 | 1,194.11 | 138.12<br>138.12<br>138.12<br>138.12<br>138.12<br>138.12<br>138.12<br>276.25<br>276.25<br>271.25<br>271.25<br>271.25 | 3,527.20 |
| 11.11.14 | Erste Finance 5.25% | EUR | 7,010.96 | 23.09.15 | 6,207 | -803.96 | | -803.96 |
| 18.11.14 | Kommunalbanken AS 4.5% 2023 | AUD | 14,760.83<br><br>[€10,286.29] | 02.11.16 | 14,975.15<br><br>[€10,327.69] | 214.32<br><br>[+€41.4] | 267.75<br>267.75<br>267.75<br>267.75<br><br>[+€716.54 ] | AUD 1,285.32<br><br>[+€757.94] |
| 6.11.15 | Petrobras Global Finance 4.25% 2023 | EUR | 9,418.14 | 19.10.16 | 11,286.74 | 1,868.60 | 433.50 | 2,302.10 |
| 6.11.15 | Deutsche Bank AG 6% 2022 | EUR | 9,944.67 | 02.03.20 | 9,307.36 | -637.31 | 510.00<br>505.00<br>505.00<br>505.00 | 1,387.69 |
| 29.01.16 | CSN Resources SA 6.5% | USD | 10,244.81<br><br>[€9,313.46] | 26.10.16 | 13,479.31<br><br>[€12,616.38] | 3,234.50 | 524.87 | USD 3,759.37<br><br>[+€3302.92] |
| 13.01.17<br><br>14.09.17<br>18.05.18 | BGF Global Multi Asset Income | EUR<br><br>EUR<br>EUR | 29,699.77<br><br>18,452.40<br>20,560.78 | 29.04.19<br>18.12.19<br>02.03.20<br>02.03.20 | 828.00<br>1,594<br>40,609.51<br>17,678.62 | -8,002.82 | 1,294.18<br>75.90<br>75.90<br>75.90<br>2,126.02<br>75.90<br>75.90<br>75.90<br>75.90<br>75.90<br>75.90<br>75.90 | -1,001.00 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | 75.90<br>72.46<br>72.46<br>72.46<br>67.67<br>2,065.19<br>67.67<br>67.67<br>67.67<br>67.67<br>62.90<br>62.90 | |
| | | | | | | **Total ta' Qligh Nett: Ewro 11,327.34** | | |

**It-total ta' qligh nett ta' Ewro11,327.34 fuq l-ammont investit ta' Ewro80,000 li ghamlet l-ilmentatrici jirrifletti l-ammont ta' pagamenti[26] indikati li saru lill-ilmentatrici fl-i*statement* intitolat *'Transaction Record from 01 January 2000 to 16 March 2020'*.**

**Il-pagamenti indikati ma gewx ikkontestati mill-ilmentatrici. Dawn il-figuri msemmija jaqblu wkoll ma' dak sottomess mill-provditur tas-servizz fl-*affidavit* tieghu u jikkonfermaw li l-ilmentatrici ma soffriet l-ebda telf nett.[27]**

**Ghalkemm huwa minnu li kien hemm xi investimenti f'munita barranija, hekk kif indikat fit-Tabella A hawn fuq, ma rrizultax li kien hemm telf fuq dawn l-investimenti anke meta nqaleb l-introjtu fil-munita originali tal-ilmentaturi, jigifieri, fl-Ewro.**

*Tabella B - L-investimenti ta' l-ilmentatur*[28]

---

[26] Pagament ghal ammont globali ta' €91,327.34 maqsumin bhala diversi pagamenti lill-ilmentatrici ta' €620 fis-16.12.14; €620 fis-16.03.15; €620 fis-17.06.15; €620 fit-22.09.15; €138.12 fil-15.12.15; €855 fit-18.12.15; €1100 fil-15.03.16; €1100 fis-16.06.16; €1260 fis-26.09.16; €1260 fit-02.12.16; €276.25 fil-15.03.17; €1260 fil-21.03.17; €1260 fil-11.07.17; €1260 fid-09.10.17; €1260 fit-12.12.17; €1260 fil-15.03.18; €1260 fl-04.07.18; €1260 fil-25.09.18; €1260 fl-10.01.19; €1260 fil-25.03.19; €1260 fis-17.06.19; €1260 fis-26.09.19; €1260 fit-12.12.19; €67,737.97 fis-16.03.20

[27] P. 121 tal-Kaz 039/2020

[28] Informazzjoni mehuda mill-*istatemen*t ipprezentat intitolat *'Transaction Record from 01 January 2000 to 16 March 2020'* fuq il-kont ta' l-ilmentatur – P.26-32 tal-Kaz 040/2020

| *Data tax-xiri* | *Isem tal-Investiment* | *Valuta* | *Ammont investit* | *Data tal-bejgh* | *Rivakat mill-Bejgh* | *Qligh jew telf mill-bejgh* | *Dividend i/ imghax* | *Qligh jew telf nett fuq l-ammont investit* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20.05.14<br><br>29.07.16 | Barclays Bank plc 4.75%Perp | EUR<br><br>EUR | 14,708.69<br><br>5,171.75 | 02.11.16 | 19,000.85 | -879.59 | 605.62<br>605.62 | 331.65 |
| 04.06.14<br><br>28.04.15 | Deutsche Bank AG 6% 2022 | EUR<br><br>EUR | 15,515.05<br><br>10,382.50 | 02.03.20 | 23,313.39 | -2,584.16 | 707.62<br>1,275.00<br>1,270.00<br>1,270.00<br>1,270.00 | 3,208.46 |
| 25.09.14 | KBC Groep NV 5.625% 2019 | EUR | 15,205.49 | 28.11.17 | 15,508.93 | 303.44 | 179.30<br>179.30<br>179.30<br>179.30<br>179.30<br>179.30<br>179.30<br>179.30<br>179.30<br>174.30<br>174.30<br>174.30 | 2,440.04 |
| 07.11.14<br><br>18.11.14 | Kommunalbanken AS 4.5% | AUD<br><br>AUD | 12,612.77<br><br>15,813.03 | 02.11.16 | 28,908.50 | 482.70 | 516.37<br>516.37<br>516.37<br>516.37 | *AUD 2,548.18 |
| 24.11.14 | Rentenbank 4.75% 2024 | AUD | 26,895.00 | 02.11.16 | 27,787.87 | 892.87 | 504.69<br>504.69<br>504.69<br>504.69 | *AUD 2,911.63 |
| 2016 | CSN Resources SA 6.5% 2020 | USD | 20,459.61 | 05.05.16<br>26.10.16 | 5,252.14<br>21,300.49 | 6,093.02 | 828.75 | **USD 6,921.77 |
| 29.07.16 | BNP Paribas 4.875% Perp | EUR | 7,459.70 | 05.09.17 | 7,246.37 | -213.33 | 290.06 | 76.73 |
| 29.07.16 | Stena AB 7.875% 2020 | EUR | 9,321.02 | 06.03.20 | 8,185 | -1,136.02 | 267.75<br>262.75<br>262.75<br>262.75<br>262.75<br>262.75<br>262.75 | 708.23 |
| 29.07.16 | Barclays 6.5% Perp | EUR | 15,006.82 | 28.11.17 | 15,909.82 | 903.00 | 207.19<br>207.19<br>202.19<br>202.19<br>202.19 | 1,923.95 |
| 13.01.17 | BGF Global Multi Asset Income A4 EUR Hedged | EUR | 102,019.82 | 21.01.19<br>29.04.19<br>18.12.19 | 8,157.30<br>4,220.00<br>3,268.00 | -23,530.88 | 4,460.93<br>6,715.89<br>8,116.54 | -4,237.52 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14.09.17<br>03.09.18 | | EUR<br>EUR | 49,770.48<br>49,913.90 | 02.03.20 | 162,528.02 | | | |
| 29.03.17 | Republic of Venezuela 9.25% | USD | 54,286.22 | 25.07.17 | 49,551.14 | -4,735.08 | 3,926.25 | **USD -808.83 |
| | | | | | | **Total ta' Qligh Nett: Ewro 10,263.59** | | |

**It-total ta' qligh nett ikkalkolati hawn fuq ta' €10,263.59 fuq l-ammont investit ta' €250,620 li ghamel l-ilmentatur jirrifletti l-ammont ta' pagamenti ta' €260,883.59[29] indikati li saru lill-ilmentatur fl-i*statement* intitolat *'Transaction Record from 01 January 2000 to 16 March 2020'*.[30]**

**Ma jirrizultax ghalhekk lanqas li l-ilmentatur sofra telf nett fuq l-investimenti tieghu hekk kif allegat.**

**L-Arbitru jinnota wkoll li fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2020, l-ilmentatur stess xehed li :**

*'Mistoqsi kemm gbidt flus minn meta bdejt ninvesti sakemm spiccajt nghid li mitejn u sittin elf bl-imghaxijiet b'kollox'.*[31]

**Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020, l-ilmentatrici ikkonfermat ukoll li:**

*'Nghid li milli kkalkulajna l-imghax, il-flus tahomli imma dik mhix il-kwistjoni li jaghtihomlok bl-imghax'.*[32]

**Ghalhekk johrog car, li l-ilmentaturi ma soffrew l-ebda telf nett fuq l-investimenti taghhom, hekk kif ukoll ikkonfermaw huma stess fix-xhieda taghhom.**

**Decizjoni**

---

[29] Pagament ghal ammont globali ta' €260,883.59 maqsumin bhala diversi pagamenti lill-ilmentatur ta' €350 fl-24.09.2014; €1720 fl-16.12.2014; €1100 fis-16.03.15; €1100 fis-17.06.15; €130 fis-17.06.15; €1230 fit-22.09.15; €1230 fl-18.12.15; €1700 fil-15.03.16; €2060 fis-16.06.16; €3,030 fis-26.09.16; €3030 fit-2.12.16; €207.19 fil-15.03.17; €3030 fil-21.03.17; €4250 fil-11.07.17; €4250 fid-9.10.17; €4250 fit-12.12.17; €4250 fil-15.03.18; €4250 fl-04.07.18; €4250 fil-25.09.18; €4250 fl-10.01.19; €4250 fil-25.03.19; €4250 fis-17.06.19; €4250 fis-26.09.19; €4250 fit-12.12.19; €98,000 fis-16.03.20; €96,216.40 fis-16.03.20 (P. 26-32 tal-Kaz 040/2020)

[30] P. 26-32 tal-Kaz 040/2020

[31] P. 125 tal-Kaz 039/2020

[32] P. 98 tal-Kaz 039/2020

**Ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni u, specjalment meta jitqies li anke mill-kalkoli li ghamel l-Arbitru, ma jirrizultax li l-ilmentaturi ghamlu xi telf, anzi ghamlu qligh, ma jistax jilqa' l-ilment.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura huma ghall-ilmentaturi.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**